KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 9 ta' Frar 2009 (11.02)
(OR. en)

16148/2/08
REV 2

PUBLIC 146

**NOTA**

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL OTTUBRU 2008

Dan id-dokument jikkonsisti f'li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2008[1] [2].

– ANNESS II li fih dettalji ulterjuri dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (http://consilium.europa.eu); ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju ta' Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill Aċċess għad-dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta’ korpi stabbiliti bi ftehim internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati b'kodeċiżjoni, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi b'kodeċiżjoni jitqiesu biss li huma adottati wara l-iffirmar mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew u s-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

________________________

# LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'OTTUBRU 2008

**L-2893 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-2 ta' Ottubru 2008**

*Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 26/2008 tat-2 ta' Ottubru 2008 adottata mill-Kunsill, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-għan li jadotta Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU C 280E, 4.11.2008, p. 1–14

*Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) Test b'relevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 298, 7.11.2008, p. 20-29

*Il-Pożizzjoni tal-UE għat-tielet laqgħa tal-Kunsill ta' Sħubija Permanenti dwar l-Enerġija UE-Russja, (Pariġi, 8 ta' Ottubru 2008)*
13582/08

*2008/784/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u l-Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE*
ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8-10

**L-2894 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 ta' Ottubru 2008**

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment ta'skeda ta' tneħħija tat-tariffi għall-prodotti mniżżlin fl-Anness IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni*
12989/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar risponsi immedjati għall-inkwiet finanzjarju*
13926/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar remunerazzjoni ta' persunal maniġerjali*
13265/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiltà finanzjarja u s-sorveljanza finanzjarja*
13516/1/08 REV 1 + REV 1 COR 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi fiskali*
12955/08 + COR 1 + COR 2 (de)

**L-2895 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fid-9 u l-10 ta' Ottubru 2008**

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1009/2008 tad-9 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa*
ĠU L 276, 17.10.2008, p. 1-2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tas-settur tal-avjazzjoni fl-EU ETS - parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi*
13648/01/08 REV 1

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-fażi ta' żvilupp tal-programm SESAR*
13621/1/08 REV 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi Qafas relattivi għat-tikkettar tal-enerġija u għall-ekodisinn tal-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija*
13814/08

**L-2896 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fit-13 ta' Ottubru 2008**

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2008 tal-Qorti tal-Awdituri - "L-Għajnuna għar-Rijabilitazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea wara t-Tsunami u l-Uragan Mitch"*
13259/08

*Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentro-Afrikana (Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA)*

10806/08

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/814/PESK tat-13 ta' Ottubru 2008 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika fil-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO*
ĠU L 282, 25.10.2008, p. 32-32

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova*
14030/1/08 REV 1

*Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/796/PESK tat-13 ta' Ottubru 2008 li temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar*
ĠU L 272, 14.10.2008, p. 19-20

*Dikjarazzjoni dwar Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija*
13712/08

*Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-seba' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk*
13653/08

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1000/2008 tat-13 ta' Ottubru 2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fl-Indja wara investigazzjoni għar-reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96*
ĠU L 275, 16.10.2008, p. 1-17

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1010/2008 tat-13 ta' Ottubru 2008 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġinaw fl-Indja wara reviżjoni ta' skadenza konformement mal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 u reviżjoni interim parzjali konformement mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1000/2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fl-Indja wara reviżjoni ta' skadenza konformement mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96*
ĠU L 276, 17.10.2008, p. 3-20

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1001/2008 tat-13 ta' Ottubru 2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96*
ĠU L 275, 16.10.2008, p. 18-31

*Pożizzjoni tal-UE għad-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Afrika t'Isfel (Cape Town, 21 ta' Ottubru 2008)*
13773/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sħubija strateġika UE-Messiku*
13224/08

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fil-kors tal-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea*
13194/08

*Regolament tal-Kunsill li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Ftehim f'sura ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXIV.6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni*
13198/08

**L-2897 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fit-13 ta' Ottubru 2008**

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe*
13889/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bjelorussja*
14057/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Uzbekistan*
13904/08 + COR 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġeorġja / ir-Russja*
14026/08

**Proċedura bil-miktub konkluża fl-14 ta' Ottubru 2008**

*Pożizzjoni tal-Komunità bil-ħsieb ta' dikjarazzjoni konġunta bejn l-Istati firmatarji tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra*
14070/08

*Pożizzjoni tal-Komunità bil-ħsieb ta' dikjarazzjoni konġunta mill-Istati firmatarji tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, dwar il-firma tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra*
14074/08

**L-2898 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT),
li saret fil-Lussemburgu fl-20 u l-21 ta' Ottubru 2008**

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-għoti ta' għajnuna mill-istat għall-emerġenzi mill-awtoritajiet ta' Ċipru sabiex jittaffew il-konsegwenzi tan-nixfa fl-2007/2008 fis-settur agrikolu*

13656/08 + COR 1 (hu)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-direttiva tal-kunsill 96/22/ke dwar il-projbizzjoni tal-użu fit-trobbija tal-bhejjem ta' ċerti sustanzi li jkollhom effett ormonali u tireostatiku u ta' beta-agonists*
PE-CONS 3667/08 + COR 1 (de) + COR 2 (fi) + COR 3 (da) + COR 4 (hu)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (Tfassil mill-ġdid)*
PE-CONS 3649/08 + REV 1 (mt) + REV 2 (ro) + REV 3 (bg)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċerti direttivi*
PE-CONS 3646/08 + REV 1 (pt) + REV 2 (da) + REV 3 (es) + REV 4 (fi)

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE,84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE*
PE-CONS 3644/08 + COR 1

*Direttiva 2008/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni*
ĠU L 76, 19.3.2008, p. 39-40

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq*
PE-CONS 3652/08 + REV 1 (sv)

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli u l-istħarriġ dwar il-metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88*
PE-CONS 3642/08 + COR 1 (el) + COR 2 (pl)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni ulterjuri tal-Komunità Ewropea fin-negozjati dwar regoli u proċeduri internazzjonali fil-qasam tar-responsabbiltà u r-rimedju għal ħsara li tirriżulta mill-movimenti transkonfini ta' organiżmi ħajjin modifikati skont il-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà*
13320/08

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni ta' Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfini*
13179/08

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kumitat Konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 66 tal-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina (il-PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana u x-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza, min-naħa l-oħra*
12941/08

*Konlkużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tħejjijiet għall-14-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u r-4 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP 4) (Poznan, 1-12 ta' Diċembru 2008)*
14017/08

**Adozzjoni tal-atti leġislattivi wara t-tieni qari tal-Parlament Ewropew skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni (Strasburgu, mill-20 sat-23 ta' Ottubru 2008)**

*Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija*
ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9–14

**L-2899 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fl-24 ta' Ottubru 2008**

*Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata*
ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42-45

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/852/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar netwerk ta' punti ta' kuntatt kontra l-korruzzjoni*
ĠU L 301, 12.11.2008, p. 38-39

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)*
ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1-8

*Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)*
ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43-49

*Regolament tal-Kunsill (KE) li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KE) Nru 1334/2000 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju*
13225/08

*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali*
PE-CONS 3639/08 + COR 1 (fi) + REV 1 (el)

*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità*
PE-CONS 3657/08 + REV 1 (fi) + REV 2 COR 1 (fi) + REV 2 (lt)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għal asil mressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera*
13831/1/08 REV 1

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-istatus tal-Missjoni ta' monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja*
13690/08

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-komunikazzjoni bejn unitajiet operattivi f'żoni transkonfini*
13796/08

*Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ħames Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja (Ministri tal-Affarijiet Barranin) li għandu jsir f' San Pietruburgu fit-28 ta' Ottubru 2008*
14464/08

*Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2008*
14146/08

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-rilaxx ta' informazzjoni skont il-Ftehim bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni kklassifikata*
13678/08

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-aġġustament tal-allowances imħallsa lil membri u membri supplenti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
13975/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran Konferenza tal-Ministri tal-Industrija (Nizza, 5-6 ta' Novembru 2008)"*
14474/01/08 REV 1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjattaformi nazzjonali ta' allert u pjattaforma Ewropea ta' allert għar-rappurtar ta' reati nnotati fuq l-Internet*
14071/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prinċipju ta' konverġenza u l-istrutturazzjoni tas-sigurtà interna*
14069/08

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-adulti vulnerabbli u l-protezzjoni ġuridika transkonfini tagħhom*
14034/08

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, u l-persunal ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea*
14106/08 + COR 1 + COR 2.

**L-2900 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fis-27 u t-28 ta' Ottubru 2008**

*Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 79/409/KEEdwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni*
PE-CONS 3666/1/08 REV 1

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE*
PE-CONS 3641/08 + COR 1 (de)+ REV 1 (lt)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2008 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-kwoti tal-ħalib fl-Istati Membri li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004*
14186/08

*Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/822/PESK tas-27 ta' Ottubru 2008 dwar l-ilqugħ temporanju minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani*
ĠU L 285, 29.10.2008, p. 21-21.

| **INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OTTUBRU 2008** | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2893 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-2 ta' Ottubru 2008** | | | |
| Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 26/2008 adottata mill-Kunsill fit- 2 ta' Ottubru 2008, bi qbil mal-proċedura msemmija f'Artikolu 251 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, bil-għan li jadotta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | 9815/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) Test b'relevanza għaż-ŻEE | PE-CONS 3645/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u s-Slovakkja.**
**dwar il-kofinanzjament ta' azzjonijiet imwettqa fi ħdan il-qafas tas-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)**
Ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u s-Slovakkja jilqgħu d-deċiżjoni li s-sena 2010 tiġi ddikjarata s-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali li għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet prinċipali tal-linji ta' politika dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali.

Aħna nemmnu li azzjonijiet meħudin fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali huma ta' importanza kruċjali biex b'mod effettiv titrawwem il-kuxjenza tal-benefiċċji ta' soċjetà inklużiva u biex tinġibed attenzjoni usa' lejn l-impenn tal-Ewropa għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Din kienet waħda mir-raġunijiet prinċipali biex l-Istati Membri jiġu fdati b'kompiti aktar importanti u b'responsabbiltajiet miżjuda għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-attivitajiet tas-Sena Ewropea 2010.
F'dan il-kuntest, aħna nikkunsidraw li l-allokazzjoni ta' kontribuzzjoni ta' aktar minn 50 % mill-baġit tal-UE lejn il-kofinanzjament ta' tali azzjonijiet bl-għanijiet speċifiċi tagħhom għandha tkun ġustifikata b'mod sħiħ.
Aħna nifhmu li l-kwistjoni għandha dimensjoni orizzontali li tmur lil hinn mill-mandat tal-ministri tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet ugwali.
Għalhekk, sakemm tiġi adottata r-regola orizzontali dwar il-finanzjament tas-Snin Ewropej futuri, id-dispożizzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu nnegozjati fil-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill adatti, filwaqt li jittieħed kont tal-għanijiet u l-prijoritajiet speċifiċi ta' kull Sena Ewropea.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni tagħti l-akbar importanza għall-iffaċilitar u l-appoġġ ta' parteċipazzjoni wiesgħa fil-livelli kollha f'attivitajiet konnessi mas-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali 2010 bħala mezz prattiku sabiex jiġi żgurat li l-impatt tagħha huwa pożittiv u dejjiemi.
Skont id-Deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea, il-Kummissjoni ser tfassal linji gwida komuni fid-Dokument Qafas Strateġiku (DQS) li ser jistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet relatati mas-Sena Ewropea, inklużi standards minimi f'termini ta' parteċipazzjoni f'korpi u azzjonijiet nazzjonali (ara l-Anness, Parti II, punt 2 tad-Deċiżjoni).
Id-Dokument Qafas Strateġiku huwa indirizzat lill-Korpi Implimentattivi Nazzjonali (KIN) responsabbli għat-tfassil tal-programmi nazzjonali għas-Sena Ewropea u għall-għażla ta' azzjonijiet individwali li għandhom jiġu proposti għall-finanzjament Komunitarju, u lil atturi oħrajn konċernati.
F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni ser tissottolinja l-importanza li tiffaċilita l-aċċess mill-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) kollha inklużi l-organizzazzjonijiet żgħar u ta' daqs medju. Bil-ħsieb li jiġi żgurat l-aċċess l-aktar usa' possibbli, il-KIN jistgħu jiddeċiedu li ma jitolbu l-ebda kofinanzjament u minflok li jiffinanzjaw kompletament ċerti azzjonijiet.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OTTUBRU 2008 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2895 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fid-9 u l-10 ta' Ottubru 2008** | | | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1009/2008 tad- 9 ta' Ottubru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta’ appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għall-bdiewa | 13355/08 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

L-interpretazzjoni tal-Qorti fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-45/05 hija fil-prinċipju retroattiva u l-emenda proposta attwalment għall-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ser tapplika biss mill-1 ta' Jannar 2008.

Għaldaqstant tqum il-mistoqsija dwar kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet għall-pagamenti msemmija fl-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għal annimali bovini f'każijiet fejn l-iskadenza biex jintbagħtu n-notifiki għad-databases - f'mument partikolari fil-ħajja tal-annimal - ma ġewx rispettati b'mod strett.

DG AGRI talab lis-Servizz Legali tal-Kummissjoni għal parir dwar din il-kwistjoni u l-pożizzjoni tagħhom hija kif ġej:

- Għal dak li jirrigwarda talbiet ippreżentati sas-7 ta' Lulju 2007 (id-data li fiha ġiet ippubblikata s-sentenza), is-Servizz Legali jirrifjuta l-idea li seta' kien hemm xi diffikultajiet fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, imma jqis li l-annimali li għalihom in-notifiki kienu tard setgħu jitqiesu eliġibbli bil-ħsieb ta':
    - l-aspettattivi leġittimi min-naħa tal-Istati Membri li nħolqu bl-ittra tas-16 ta' Novembru 1999 tad-DG AGRI lill-Olanda, li ntbagħtet ukoll lill-Istati Membri l-oħra; kif ukoll:
    - l-obbligu tal-Kummissjoni li tikkoopera in bona fede mal-Istati Membri.
- Għal dak li jirrigwarda talbiet ippreżentati bejn is-7 ta' Lulju 2007 u l-31 ta' Diċembru 2007, is-Servizz Legali jirrifjuta l-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni ġenerali li tippermetti lill-Kummissjoni tħalli lill-Istati Membri jagħtu pagamenti indiskriminatament fuq l-istess bażi bħal qabel. Min-naħa l-oħra, is-Servizz Legali jtenni li analiżi ta' każ b'każ taċ-ċirkostanzi speċifiċi fi Stat Membru partikolari tista' twassal lil dak l-Istat Membru biex jagħti pagamenti fejn japplika s-sentenza tal-Qorti għal dan il-perijodu ta' bosta xhur u jkollu konsegwenzi sproporzjonati u/jew iwassal għal sitwazzjonijiet komparabbli li jistgħu jiġu ttrattati b'mod differenti.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2008 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Fil-fehma tad-DG AGRI, tali konsegwenzi jistgħu jiġu vvalutati b'mod partikolari fir-rigward ta':<br>- id-differenza fit-trattament li tista' tirriżulta bejn bdiewa skont jekk it-talbiet ġewx ippreżentati qabel jew wara d-data tal-pubblikazzjoni tas-sentenza tal-Qorti;<br>- il-ħtieġa li jiġu emendati regoli nazzjonali, manwali ta' proċedura u bullettini ta' informazzjoni;<br>- l-iskala ta' aġġustamenti ta' IT meħtieġa biex jiġu mibnija mill-ġdid il-movimenti kollha notifikati tard tul il-ħajja tal-annimali u l-bdiewa konċernati jiġu infurmati; kif ukoll:<br>- il-piż amministrattiv addizzjonali li jirriżulta mill-verifika tal-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-bdiewa rigward notifiki tard ta' qabel.<br>L-Istati Membri huma għalhekk mitluba jivvalutaw is-sitwazzjoni partikolari tagħhom qabel jagħmlu pagamenti akkoppjati ta' sostenn għal bovini sabiex jiżguraw li ċ-ċirkostanzi tagħhom huma kompatibbli mal-parir tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni.<br>Din il-valutazzjoni għandha tibqa' disponibbli għal konsultazzjoni minn uffiċjali għall-approvazzjoni tal-kontijiet matul il-verifiki mwettqa tul l-attività normali tagħhom. | | | |
| **L-2898 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu bejn l-20 u l-21 ta' Ottubru 2008** | | | |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-għoti ta' għajnuna mill-istat għall-emerġenzi mill-awtoritajiet tar-Rumanija sabiex jiġu mitigati l-konsegwenzi tan-nixfa fl-2007/2008 fis-settur agrikolu | 13656/08<br>+ COR 1 (hu) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: DK, NL, SE, UK |
| Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonali u tireostatika u ta' beta-agonists | PE-CONS 3667/08<br>+ COR 1 (de)<br>+ COR 2 (fi)<br>+ COR 3 (da)<br>+ COR 4 (hu) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2008 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (Tfassil mill-ġdid) | PE-CONS 3649/08<br>+ REV 1 (mt)<br>+ REV 2 (ro)<br>+ REV 3 (bg) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċerti direttivi | PE-CONS 3646/08<br>+ COR 1 (fr)<br>+ REV 1 (pt)<br>+ REV 2 (da)<br>+ REV 3 (es)<br>+ REV 4 (fi) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: IE |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit dwar "il-Ġbir u r-riċiklaġġ tal-iskart"**

Il-premessa 41 għad-Direttiva Qafas riveduta dwar l-Iskart tirrikonoxxi d-diversità fis-sistemi tal-ġbir u r-riċiklaġġ għall-iskart fl-Istati Membri differenti, li tirrifletti dak li huwa prattikabbli teknikament, ambjentalment u ekonomikament fiċ-ċirkostanzi lokali.

Fl-implimentazzjoni tal-ħtiġiet tal-Artikolu 11 tad-Direttiva riveduta dwar l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, ir-Renju Unit beħsiebu li:

– għat-totalità tal-iskart domestiku japplika, li sal-2020, tiżdied għall-minimu ta' 50 % tal-piż globali, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali minn flussi tal-iskart domestiku u, possibbilment, flussi simili tagħhom. L-erba' flussi tal-iskart speċifikati fil-paragrafu 2(a) tal-Artikolu 11(jiġifieri l-karta, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ) għandhom jiġu inklużi fil-mira globali fejn joriġinaw minn skart domestiku iżda l-mira ta' 50 % m'għandhiex tapplika individwalment għal kull wieħed mill-iskart speċifikat; u kif ukoll:
– iħeġġeġ il-ġbir separat tal-iskart fejn dan huwa prattikabbli teknikament, ambjentalment u ekonomikament, filwaqt li jippermetti l-ġbir imħallat tal-karta, il-metall, il-plastik, il-ħġieġ u materjali oħrajn ta' riċiklaġġ għal separazzjoni sussegwenti f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ ta' materjal biex tkompli wara l-2015 fejn dan huwa l-aktar mezz effettiv għaż-żieda tar-rati ta' riċiklaġġ fiċ-ċirkostanzi lokali.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OTTUBRU 2008 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE | PE-CONS 3644/08 + COR 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2008/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi, fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' batteriji u akkumulaturi fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni | PE-CONS 3664/08 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq | PE-CONS 3652/08 + REV 1 (sv) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli u l-istħarriġ dwar il-metodi ta' produzzjoni agrikola u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 | PE-CONS 3642/08 + COR 1 (el) + COR 2 (pl) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2008 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-terminu "kwalità" użat fl-Artikolu 4**<br>L-Artikolu 4 tal-proposta jirrikjedi li l-Istati Membri jiksbu informazzjoni mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll, mis-Sistema għall-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Annimali Bovini u mir-Reġistru tal-Biedja Organika, sakemm l-informazzjoni miksuba tkun tal-inqas tal-istess livell ta' kwalità bħal dik miksuba minn stħarriġ statistiku. L-Artikolu 4 jiddikjara wkoll li sorsi oħra ta' data amministrattiva tista' tiġi użata, jekk il-Kummissjoni tkun informata bil-quddiem u jekk ikunu pprovduti d-dettalji dwar il-kwalità tas-sors amministrattiv.<br>Fil-kuntest tal-Artikolu 4, id-data miksuba minn sors amministrattiv hija meqjusa ta' kwalità aċċettabbli jekk id-definizzjonijiet li fuqhom tkun ibbażata jkunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 u jekk jipprovdu riżultati rappreżentattivi. Informazzjoni metodoloġika speċifika, fir-rigward tal-kwalità ta' kwalunkwe sors amministrattiv użat, għandhom ikunu provduti fir-Rapporti Metodoloġiċi Nazzjonali, li l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni fi tmiem kull stħarriġ.<br><br>Adozzjoni tal-atti leġislattivi wara t-tieni qari tal-Parlament Ewropew skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni (Strasburgu, mill-20 sat-23 ta' Ottubru 2008)<br><br>Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija<br><br>PE-CONS 3705/08 Mhux applikabbli Mhux applikabbli | | | |
| **L-2899 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fl-24 ta' Ottubru 2008** | | | |
| Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata | 12279/06<br>+ REV 1 (sk)<br>+ REV 2 (sv) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/852/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar netwerk ta' punti ta' kuntatt kontra l-korruzzjoni | 11231/1/07 REV 1 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) | 13488/08<br>+ REV 1 (fi)<br>+ REV 2 (da) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) | 13489/08<br>+ REV 1 (da) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (KE) li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KE) Nru 1334/2000 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju | 13225/08<br>+ REV 1 (cz)<br>+ REV 2 (ro) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjonic tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali | PE-CONS 3639/08<br>+ COR 1 (fi)<br>+ REV 1 (el) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, Portugiża, Latvjana, Bulgara, Spanjola, Ċeka u Maltija**
Id-delegazzjoni Franċiża, Portugiża, Latvjana, Bulgara, Spanjola, Ċeka u Maltija jiddikjaraw li l-inklużjoni ta' tabella ta' korrelazzjoni fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva ma tistax tittieħed bħala li tistabbilixxi kwalunkwe obbligu legali li jmur lilhinn minn dak previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunità Ewropea, li jistipula li "Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali".
Dispożizzjoni bħal din mhijiex ukoll konsistenti mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet (ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1) u ma tistax titqies bħala preċedent f'diskussjonijiet dwar leġislazzjoni oħra.

**Dikjarazzjoni mill-Irlanda**
L-Irlanda taċċetta li hija l-pożizzjoni komuni tal-Istati Membri kollha li l-Artikolu 2 (a) huwa intiż li jittratta bħala "illegali" l-attivitajiet tat-tip tal-Artikolu 3 li jiksru l-leġislazzjoni tal-Anness A, il-leġislazzjoni tal-Anness B jew l-miżuri tal-Artikolu 2(a) (iii) (jiġifieri leġislazzjoni nazzjonali li tagħti effett lil-leġislazzjoni tal-Anness A jew l-Anness B).
Għaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-Irlanda tad-definizzjoni ta' "illegali" fl-Artikolu 2(a) ta' din id-Direttiva hija li l-Artikolu 2(a)(i) mhuwiex ristrett fl-applikazzjoni tiegħu. Attivitajiet relatati man-nukleari li jikkawżaw ħsara lill-ambjent mhumiex irregolati biss b'referenza għal-leġislazzjoni magħmula taħt it-Trattat EURATOM elenkata fl-Anness B ta' din id-Direttiva; tali ħsara hija rregolata wkoll b'leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ambjentali magħmula taħt it-Trattat KE u elenkata fl-Anness A tad-Direttiva.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità | PE-CONS 3657/08 + REV 1 (fi) + REV 1 COR 1 (fi) + REV 2 (lt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Mingħajr preġudizzju għall-fehma tar-Renju Unit li l-miżura proposta tagħmel parti mill-acquis tal-Komunità Ewropea dwar l-ambjent u per se ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-arranġamenti ta' Cordoba dwar il-miżuri tal-avjazzjoni, wara li kiseb il-qbil minn qabel tal-Gvern ta' Ġibiltà, ir-Renju Unit, b'mod eċċezzjonali, lest jaċċetta li tiddaħħal il-formulazzjoni prevista fl-arranġamenti ta' Cordoba rigward il-miżuri tal-avjazzjoni.

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit jinnota li l-adozzjoni tad-Direttiva abbażi biss tal-Artikolu 175(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) mhix adatta għal miżura li fiha dispożizzjonijiet sinifikattivi dwar il-politika fiskali. F'konformità ma' osservazzjonijiet li r-Renju Unit għamel preċedentement f'ċirkostanzi simili, ir-Renju Unit jibqa' tal-fehma li fejn il-leġislazzjoni tal-KE tinkludi miżuri fiskali l-bażi legali għandha tinkludi, unikament, jew fejn adatta, konġuntament, wieħed mill-Artikoli tat-Trattat li jittratta kwistjonijiet fiskali. F'dan il-każ ir-Renju Unit huwa tal-fehma li l-Artikolu 175(2) TKE kellu jiġi inkluż bħala bażi legali għad-Direttiva.

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, Malta, l-Olanda u l-Isvezja**

Ir-Renju Unit, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, l-Irlanda, Malta, l-Olanda u l-Isvezja jinterpretaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3d(4) bħala li ma jimponux ħtiġiet vinkolanti legalment fuq l-Istati Membri.

**Dikjarazzjoni minn Malta**

Bħala Stat gżira żgħir u periferiku, Malta hija dipendenti fuq l-ivvjaġġar bl-ajru; hija m'għandha l-ebda mod alternattiv ta' trasport adegwat u komparabbli. Dan jirriżulta f'sehem kbir ta' valur miżjud tat-trasport bl-ajru fil-valur miżjud totali għal Malta. Barra minn hekk, għal dan l-aħħar nofs seklu t-turiżmu kien kruċjali għall-ekonomija tal-pajjiż u s-sehem medju tal-PGD tad-dħul mit-turiżmu matul dawn l-aħħar seba' snin, skont l-Eurostat, huwa stmat għal 13.7%; dan hu ferm ogħla mill-medja tal-UE. Barra minn hekk, dan huwa ġġenerat mit-turiżmu internazzjonali li huwa dipendenti għal kollox fuq l-avjazzjoni.

Għalhekk l-implimentazzjoni tad-Direttiva jista' jkollha riperkussjonijiet serji fuq l-ekonomija Maltija. Malta tagħti enfasi qawwi lill-Artikolu 30(4) ġdid fejn, 'Sal-1 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' monitoraġġ u esperjenza tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, tirrevedi l-funzjonament ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-attivitajiet tal-avjazzjoni' u b'mod partikolari l-punt (f) hemmhekk li permezz tiegħu 'l-impatt tal-iskema Komunitarja fuq id-dipendenza strutturali fuq it-trasport tal-avjazzjoni ta' gżejjer, reġjuni mingħajr kosta, reġjuni periferiċi u dawk l-aktar 'il bogħod tal-Komunità' ukoll ser jiġi rivedut.

Ir-reviżjoni għandha tiżgura li tali punti ta' tħassib ewlieni jistgħu jiġu studjati fil-fond u jekk meħtieġ, li jiġu identifikati miżuri ta' rimedju sodisfaċenti.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tfakkar li hija biħsiebha tippreżenta sa Diċembru 2008, proposta leġislattiva sabiex tintroduċi miżuri li jillimitaw l-emissjonijiet ta' NOx mill-avjazzjoni, b'mod partikolari sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv l-impatt tagħhom fuq il-klima u sabiex jiġi evitat kwalunkwe inċentiv li jnaqqas l-emissjonijiet ta' CO2 askapitu tan-NOx.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-irkant**

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament rigward il-possibbiltà li jiżdiedu l-livelli ta' rkant mill-2013 fil-kuntest tad-Direttiva dwar ir-reviżjoni tal-ETS. Rigward l-approċċ dwar l-allokazzjoni, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni tibqa' li s-settur tal-avjazzjoni għandu jkun trattat, mill-2013, bħal industriji oħrajn li jirċievu allokazzjoni transitorja bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-operaturi ta' pajjiżi terzi**

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament rigward il-parteċipazzjoni ta' operaturi tal-inġenji tal-ajru fl-EU ETS, inklużi dawk minn pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni tissottolinja li hi ser tkompli tfittex ftehim dwar il-miżuri globali biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni, skont l-objettiv fit-tul tagħha. Fid-dawl ta' tali ftehim, il-Kummissjoni ser tipproponi xi emendi għal din id-Direttiva kif hija tapplika għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru, jekk l-adattament ikun meqjus bħala meħtieġ. Il-Kummissjoni ser tibqa' żżomm kuntatt mal-partijiet terzi u tħeġġiġhom jieħdu miżuri ekwivalenti li jkollhom effett ambjentali li mill-anqas ikun ekwivalenti għal dak ta' din id-Direttiva bil-għan li jiġu rikonoxxuti miżuri ekwivalenti kif previst skont it-taqsimiet rilevanti tad-Direttiva.

**Dikjarazzjoni minn Ċipru**

Ċipru tixtieq li jiġi nnotat it-tħassib serju tiegħu rigward l-effetti avversi mistennijin li jiġu kkawżati bl-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta dwar l-inklużjoni tal-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-ETS fl-UE.

Bħala gżira żgħira u periferika mingħajr ebda mod alternattiv ta' trasport adegwat u komparabbli, Ċipru huwa dipendenti ħafna fuq l-ivvjaġġar bl-ajru. Fl-istess waqt, it-turiżmu għandu parti sinifikattiva ħafna fil-ġenerazzjoni tal-attività ekonomika f'Ċipru, li hija ogħla mid-dħul medju fi Stat Membri oħrajn tal-UE. Bħala konsegwenza, l-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta ser ikollha riperkussjonijiet strutturali negattivi u serji fuq l-ekonomija ta' Ċipru. Ta' min jinnota li għad-Direttiva proposta ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt rigward it-tnaqqis tal-ammont totali ta' drittijiet ta' emissjonijiet (limitu massimu).

Ċipru huwa konxju tal-ħtieġa li jittieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jiġu indirizzati l-effetti avversi tat-tibdil fil-klima. Fil-fatt, Ċipru diġà qed iħoss l-effetti tat-tibdil fil-kondizzjonijiet klimatiċi kif muri biż-żieda fit-temperaturi u n-nixfa qawwija li ilha taffettwa ħażin ħafna lill-gżira għal dawn l-aħħar ftit ta' snin, fatturi li jindikaw direttament il-ħtieġa urġenti li jittieħdu miżuri sabiex tiġi riżolta din il-problema serja. Ċipru jibqa' impenjat bis-sħiħ li jaħdem mas-sħab Ewropej tiegħu sabiex jiġi indirizzat dan il-fenomenu.

Madankollu, fid-dawl tal-effetti avversi mistennijin ta' dan id-Direttiva partikolari, ir-Repubblika ta' Ċipru hija obbligata li ttenni r-riżervi qawwijin tagħha għal xi wħud mill-miżuri proposti.

L-inklużjoni ta' aktar aspetti li għandhom ikunu indirizzati taħt ir-reviżjoni futura ta' din id-Direttiva għandha tiżgura li punti ta' tħassib ewlenin dwar l-impatt tal-iskema fuq id-dipendenza strutturali tal-avjazzjoni, jiġu studjati fil-fond u li jiġu adottati miżuri ta' rimedju sodisfaċenti, rigward prinċipalment, il-persentaġġ ta' kwoti ta' emissjonijiet għall-irkant u l-ammont ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati tagħha.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni minn Spanja**<br>Id-Direttiva proposta tistabbilixxi l-obbligi għal awtorità pubblika responsabbli għall-attivitajiet li jsiru f'ajruport jew fuqu li għalih japplika t-Trattat KE; għaldaqstant inqisu li, mingħajr ebda dubju, din hija waħda mid-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-KE/UE dwar it-traffiku bl-ajru ċivili li huma speċifikati fid-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà maħruġa f'Kordoba fit-18 ta' Settembru 2006. | | | |
| **L-2900 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fis-27 u t-28 ta' Ottubru 2008** | | | |
| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni | PE-CONS 3666/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna l-istatistika dwar il-bhejjem u l-laħam u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE | PE-CONS 3641/08 + COR 1 (de) + REV 1 (lt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN OTTUBRU 2008 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi** |
| **L-2893 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fit-2 ta' Ottubru 2008**<br><br>2008/784/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta’ Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta’ Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta’ self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u l-Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE<br>12913/08<br><br>Il-pożizzjoni tal-UE għat-tielet laqgħa tal-Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja dwar l-Enerġija, (Pariġi, 8 ta' Ottubru 2008)<br>13582/08<br><br>**L-2894 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 ta’ Ottubru 2008**<br><br>Corrigendum għall-informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina rigward id-dazji tal-esportazzjoni<br>(ĠU L 112, 24.4.2008)<br>8959/01/08 REV 1 + REV 2 (en) + REV 3 (bg) | |

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment ta’skeda ta’ tneħħija tat-tariffi għall-prodotti mniżżlin fl-Anness IV tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni
12989/08
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar risponsi immedjati għall-inkwiet finanzjarju
13926/08

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar remunerazzjoni ta' persunal maniġerjali
13265/2/08 REV 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiltà finanzjarja u s-sorveljanza finanzjarja
13516/1/08 REV 1 JUSTCIV 1 + COR 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi fiskali
12955/08 + COR 1 + COR 2 (fi)

**L-2895 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fil-Lussemburgu fid-9 u l-10 ta' Ottubru 2008**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tas-settur tal-avjazzjoni fl-EU ETS - parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi
13648/01/08 REV 1 + REV 1 COR 1 + REV 1 COR 2 (de)

Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija tal-fażi ta' żvilupp tal-programm SESAR
13621/1/08 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi Qafas relattivi għat-tikkettar tal-enerġija u għall-ekodisinn tal-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija
13814/08

**L-2896 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fit-13 ta' Ottubru 2008**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2008 tal-Qorti tal-Awdituri - "L-Għajnuna għar-Riabilitazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea wara t-Tsunami u l-Uragan Mitch"
13259/08

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-parteċipazzjoni tal-Federazzjoni Russa fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika taċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentro-Afrikana (Operazzjoni EUFOR Tchad/RCA)
10806/08

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/814/PESK tat-13 ta' Ottubru 2008 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika fil-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO
12599/08 + REV 1 (fi)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova
14030/1/08 REV 1

Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/796/PESK tat-13 ta' Ottubru 2008 li temenda l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar
13185/08

Dikjarazzjoni dwar Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija
13712/08

Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-seba' laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk

13653/08 + REV 1 (en)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1000/2008 tat-13 ta' Ottubru 2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fl-Indja wara investigazzjoni għar-reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96
13063/08

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1010/2008 tat-13 ta' Ottubru 2008 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġinaw fl-Indja wara reviżjoni ta' skadenza konformement mal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 u reviżjoni interim parzjali konformement mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1000/2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' aċidu sulfaniliku li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fl-Indja wara reviżjoni ta' skadenza konformement mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96
13063/08
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1001/2008 tat-13 ta' Ottubru 2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96
13103/08 + COR 1 (ro)

Pożizzjoni tal-UE għad-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Afrika t'Isfel (Cape Town, il-21 ta' Ottubru 2008)
13773/08

Konklużjonijet tal-Kunsill dwar is-sħubija strateġika UE-Messiku
13224/08

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fil-kors tal-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea

Regolament tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba fil-qafas tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni
13198/08

**L-2897 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fil-Lussemburgu fit-13 ta' Ottubru 2008**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe
13889/2/08 REV 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bjelorussja
14057/08

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Uzbekistan
13904/08 + COR 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġeorġja / ir-Russja
14026/08

**Proċedura bil-miktub konkluża fl-14 ta' Ottubru 2008**

Pożizzjoni tal-Komunità bil-ħsieb ta' dikjarazzjoni konġunta mill-Istati firmatarji tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra
14070/08

Pożizzjoni tal-Komunità bil-ħsieb ta' dikjarazzjoni konġunta mill-Istati firmatarji tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra
14074/08

**L-2898 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fl-20-21 ta' Ottubru 2008**

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni ulterjuri tal-Komunità Ewropea fin-negozjati dwar regoli u proċeduri internazzjonali fil-qasam tar-responsabbiltà u r-rimedju għal ħsara li tirriżulta mill-movimenti transkonfini ta' organiżmi ħajjin modifikati skont il-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà
13320/08

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni ta' Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfini
13179/08

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Komunità fil-Kumitat Konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 66 tal-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina (il-PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana u x-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza, min-naħa l-oħra
12941/08 + COR 1 (it) + REV 1 (nl)

Konlkużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tħejjijiet għall-14-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u r-4 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP 4) (Poznan, 1-12 ta' Diċembru 2008)
14017/08

**L-2899 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fl-24 ta' Ottubru 2008**

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżami ta' talba għal asil mressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera
13831/1/08 REV 1

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar l-istatus tal-Missjoni ta' monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja<br>13690/08<br><br>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-komunikazzjoni bejn unitajiet operattivi f'żoni transkonfini<br>13796/08<br><br>Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ħames Kunsill Permanenti ta' Sħubija UE-Russja (Ministri tal-Affarijiet Barranin) li għandu jsir f' San Pietruburgu fit-28 ta' Ottubru 2008<br>14464/08<br><br>Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2008<br>14146/1/08 REV 1<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-rilaxx ta' informazzjoni skont il-Ftehim bejn l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà u l-iskambju ta' informazzjoni kklassifikata<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-aġġustament tal-allowances imħallsa lil membri u membri supplenti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<br>13975/08 | |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran Konferenza tal-Ministri tal-Industrija<br>(Nizza, 5-6 ta' Novembru 2008)"<br>14474/01/08 REV 1<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjattaformi nazzjonali ta' allert u pjattaforma Ewropea ta' allert għar-rappurtar ta' reati nnotati fuq l-Internet<br>14071/08<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prinċipju ta' konverġenza u l-istrutturazzjoni tas-sigurtà interna<br>14069/08<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-adulti vulnerabbli u l-protezzjoni ġuridika transkonfini tagħhom<br>14034/08 + REV 1 (pl) + REV 2 (lt)<br><br>Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi, u l-persunal ġudizzjarju fl-Unjoni Ewropea<br>14106/08 + COR 1 + COR 2. | |

| | |
|---|---|
| **L-2900 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fil-Lussemburgu fis-27 u t-28 ta' Ottubru 2008**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2008 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-kwoti tal-ħalib fl-Istati Membri li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004<br>14186/08<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/822/PESK tas-27 ta' Ottubru 2008 dwar l-ilqugħ temporanju minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani<br>13426/08 | |

______________________